

22001D0118(18)

L 15/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.1.2001

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 143/1999****tal-5 ta' Novembru 1999**

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/1999 ta' l-24 ta' Settembru 1999 (¹).
- (2) D-Direttiva tal-Kummissjoni 98/90/KE tat-30 ta' Novembru 1998 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/387/KEE dwar il-bibien ta' vetturi b'makna u t-trejlars tagħhom (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) D-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1998 dwar il-vetturi b'makna u t-trejlars tagħhom maħsubin għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'makna u t-trejlars tagħhom (³), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 7 (Direttiva tal-Kunsill 70/387/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“— **398 L 0090:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/90/KEE tat-30 ta' Novembru 1998 (ĠU L 337, tat-12.12.1998, p. 29).”

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“— **398 L 0091:** Id-Direttiva 98/91/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1998 (ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25).”

(¹) ĠU L 325, tal-21.12.2000, p. 29.

(²) ĠU L 337, tat-12.12.1998, p. 29.

(³) ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25.

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 98/90/KE u d-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN
